**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **574/02TM**

Numru**: 3**

**AUTO SALES LIMITED**

vs

**TONIO BEZZINA**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames t'elef mija sitta u tlettin liri Maltin u disa' u ghoxrin cenezmi (LM5136.29) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija (Statement hawn anness Dok A).

Ippremettiet li ghalkemm  interpellata sabiex thallas l-ammont dovut il-konvenut ma hallasx.

Ippremettiet li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artiklu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B)

Talbet ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici hames t'elef mija sitta u tlettin liri Maltin u disa' u ghoxrin centezmi (LM5136.29) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datat 25 ta' April, 2002 u l-ittra ufficjali datat 6 ta' Marzu, 2002 kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci; u lanqas ma deher ghas-seduta li fiha kellu jidher;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**